## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 433/2018PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Ruth (Gertrude) Carabott**
**(22769(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 t' Awwissu, 2018 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u sittin euro u sitta u sebghin centezmi (€563.76) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40254975, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 2569/16, u bl-imghaxijiet legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Sema' x-xhieda ta' Maryanne Camilleri moghtija fl-imsemmija seduta tal-lum li permezz taghha ikkonfermat li l-ammont kollu kif mitlub ghadu dovut mill-intimata.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas ma prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimata lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-lum.

Illi ghaldaqstant it-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' hames mija u tlieta u sittin euro u sitta u sebghin centezmi (€563.76) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40254975, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 2569/16, u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**